MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 2035/2003

**Vivaldi Hotels Operations Limited**

**Vs**

**Kent Watson u b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2004, l-isem tal-konvenut gie jinqara bhala David Kent Watson**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta Ottubru 2003 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tliet mija u dsatax il-lira u hamsin centezmu (Lm319.50) rapprezentanti valur ta servizz ta akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti fil-lukanda Golden Tulip Vivaldi Hotel fuq inkariku tal-konvenut.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 15 ta Lulju 2003 bl-interessi legali mid-data tal-hrug tal-fatturi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 26 ta Marzu 2004 fejn eccepixxa fl-ewwel lok li hu kien jismu David Kent Watsion u mhux Kent Watson, fit-tieni lok li ma kienx il-legittimu kontradittur u fis-sustanza li l-ammont kien ezagerat.

Illi l-ewwel eccezzjoni kienet giet irtirata fl-24 ta Mejju 2004 wara li dan it-Tribunal ordna l-korrezzjoni fl-isem tal-konvenut.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.
Sema t-Trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.
Ikkunsidra.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni l-konvenut xehed li huwa qatt ma agixxa f'ismu personali izda ghan-nom ta kumpanija estera bl-isem ta White Screen. Jikkonferma pero li huwa kien ghamel l-ordni tal-booking mal-lukanda wara li kien gie assikurat mis-sur Mizzi li kien ser ighaddilu xi hlas. Huwa jsostni pero li kien informa lill-lukanda li l-kont tal-akkomodazzjoni kien ser jithallas mis-sur Mizzi. Illi jigi notat li l-emails esebiti a fol 25 sa 27 tal-process kienu gew skambjati bejn il-konvenut u l-ufficcju tas-sur Mizzi u kwindi ma jikkostitwixxu ebda stat legali fil-konfront tas-socjeta attrici ghalkemm huwa minnu li donnu l-messagg elettroniku a fol 27 huwa ndikattiv tal-fatt li Mizzi kien ser jassumi r-responsabbilita tal-hlas – prova cirkostanzjali li tista sservi biex tikkorobora l-verzjoni tal-konvenut .

Tony Fiorini prodott mis-socjeta attrici jghid illi t-talba ghall-akkomodazzjoni kienet saret bit-telefon mill-konvenut ghall-erba persuni u jsostni li f'ebda mument ma gew informati mill-konvenut li huwa kien qed jagixxi ghan-nom ta xi kumpanija u kwindi mhux f'ismu personali. Fil-fatt meta hargu l-fatturi tal-akkomodazzjoni esebiti a fol 33, 34 u 35 dawn gew indirizzati kemm f'isem l-okkupanti u kif ukoll f'isem il-konvenut bhala l-persuna li ghamlet l-ordni. In kontro-ezami pero dan ix-xhud jistqarr li l-ordni allegatament maghmula mill-konvenut ma saritx mieghu personalment izda tramite r-reservations clerk. Fuq domanda espressa tat-Tribunal dan ix-xhud spjega li kien irrizultalu li l-konvenut kellu jkun responsabbli ghal dawn il-kontijiet kemm minn ezami tar-records u kif ukoll mill-

istaff. Jikkonferma wkoll pero li instructions bil-miktub ma kellu imkien stante li l-hlas kellu jsir qabel ma jitilqu l-klijenti. Sa fejn jaf hu din kienet l-ewwel darba li s-sur Watson qatt innegozja maghhom. It-Tribunal josserva illi l-allegati records minn fejn suppost kellha tirrizulta l-involviment tal-konvenut jew ix-xhieda tal-istaff jew tar-reservations desk spiccaw li qatt ma gew prodotti u kwindi l-unika prova li resqet is-socjeta attrici dwar it-tieni eccezzjoni kienet ix-xhieda ta Fiorini li ma kienx jaf l-affarijiet di xjenza proprja oltre ghall-fatt li dak li kien jaf huwa skars hafna u t-tliet fatturi li nhargu unilateralment mis-socjeta attrici li b'ebda mod ma gew accettati mill-konvenut apparti l-fatt li ismu jinsab imnizzel hazin.

It-Tribunal josserva wkoll li hija s-socjeta attrici li ghandha l-oneru tal-prova stante li hija l-istess socjeta li qed tallega dritt ta hlas minnnghand il-konvenut, liema prova certament hija tassew mankanti fil-kaz in ezami.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq nuqqas ta provi soddisfacenti jichad it-talbiet attrici pero t-Tribunal isib li fic-cirkostanzi ghandu jigi ritenut gust u ekwu li l-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------